MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2015

Appell Kriminali Numru. 11/2015

**Il-Pulizija**

**v.**

**Andre` Cassar**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Andre` Cassar, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 67376M, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fil-Floriana nhar-is 17 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta tat-15:00 ta' wara nofsinhar:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor u cioe` ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), f'periklu car, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' Charmaine Darmanin;

(2) bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' ġrieħi gravi fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tiegħu;

(3) għamel offiża fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin (membru domestiku), liema offiża titqies illi hi ħafifa, skond kif iċċertifika Dr. S.B. Bas MD;

(4) saq, ipprova jsuq jew kellu kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura oħra fit-triq, u cioe` vettura tal-g]amla Fiat Punto bin-numru tar-re[istrazzjoni HAP-695 wara li kien ikkonsma tant *alcohol* li l-proporzjon tieg]u fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien iżjed mil-limitu preskritt;

(5) bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Charmaine Darmanin (membru domestiku) biża' li ser tintuża vjolenza kontra tagħha f'xi okkażjoni;

(6) fl-istess żmien u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Charmaine Darmanin (membru domestiku) u/jew b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal Charmaine Darmanin;

(7) bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku għamel reat li kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu d-dmir li jimpedixxi;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Jannar 2015 fejn dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Andre` Cassar hati tal-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-seba' imputazzjonijiet u lliberatu mill-bqija u, wara li rat l-artikoli 214, 221, 251B, 141 u 17 tal-Kap 9, ikkundannatu komplessivament multa ta' €6,000, u inoltre ordnat il-ħruġ kontra tiegħu ta' ordni ta' protezzjoni għall-perjodu ta' tliet snin mid-data tas-sentenza appellata ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 bl-iskop li jipprovdi għas-sigurta` u l-protezzjoni tal-parti leża u uliedha minn kwalsiasi fastidju jew imġieba li tikkaġuna biża' ta' vjolenza b'daqstant li tipprojbieh li javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-parti leża u/jew uliedha jew b'xi mod jimmolestahom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Andre` Cassar ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2015 d-9 ta' Ottubru 2013 fejn talab li din il-Qorti tbiddel is-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti tal-Maġistrati lliberatu mit-tieni, ir-raba' u s-sitt imputazzjonijiet u tilliberah lill-appellant mill-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-seba' imputazzjonijiet u fin-nuqqas tagħti piena aktar xierqa u adegwata fiċ-ċirkostanzi;

**4.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2015 fejn talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma s-sejbien ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, il-ħames u s-seba' imputazzjonijiet, tikkonferma l-liberatorja mit-tieni u mis-sitt imputazzjonijiet u tirrevokaha fil-bqija fejn fir-rigward tar-raba' imputazzjoni ssib ħtija u tinfliġġi piena aktar idoneja skond il-liġi fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ billi apparti l-multa li ġiet imposta u li għandha tiġi kkonfermata flimkien mal-ordni ta' protezzjoni, din il-Qorti timponi wkoll l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan fil-konfront tal-imsemmi Andre` Cassar ai termini tal-artikolu 15H tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;

**5.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant Andre` Cassar huma s-segwenti:

> "Illi l-aggravju tar-rikorrent huwa li l-prosekuzzjoni bix-xhieda li tellghet, il-Qorti tal-Magistrati qatt ma setghet issib htija fir-rikorrent minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. Ghaldaqstant l-aggravji huma cari u manifesti kemm fil-fatt u fid-dritt u jirrizultaw aktar minn nuqqas ta' provi li ressqet il-prosekuzzjoni.
>
> "Illi l-imputazzjonijiet mahruga kontra l-imputat huma dwar il-fatt li sehh fis-17 ta' Dicembru 2013 ghall-habta ta' 15:00hrs. Ghaldaqstant il-Qorti hija marbuta li tevalwa l-provi li ngiebu mill-prosekuzzjoni dakinhar li sehh l-incident u mhux provi ta' xi granet ohra.
>
> "Illi l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-artikolu 251B tal-Kap 9 u dan minhabba l-fatt li l-Qorti ghaqdet incidenti li saru fi granet differenti minn dik tal-imputazzjoni fejn il-parti leza semmiet incident li sehh fejn il-fergha tal-bank fejn kienet tahdem u kif ukoll il-varji rapporti li saru. Wara l-incident tal-fergha tal-bank u kif ukoll wara r-rapporti li saru, l-parti leza baqghet f'relazzjoni mal-appellant.
>
> "Illi skond l-imputazzjoni u d-data taghha hawnhekk qeghdin nitkellmu fuq incident wiehed u wiehed mill-elementi ewlenin ta' dan ir-reat huwa li jkun hemm *a course of conduct* u mhux sempliciment wiehed bhal ma ghandna f'dan il-kaz. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Raymond Parnis* deciza fl-24 ta' April 2009 sahqet u tenniet li incident ta' darba ma jammontax ghal *course of conduct*, fil-fatt il-Qorti tenniet dan li gej:
>
> "'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident <u>wiehed</u> – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-*Protection from Harassment Act, 1997* tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two*

*occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions."* L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tieghu, hekk: *"A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear <u>on each of those occasions</u>..."* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem *"on each of those occasions"* huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, *"on at least two occasions"*. Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** [1]:

**"'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'** [2]

"'Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal *"course of conduct"* ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz <u>f'din il-kawza</u> hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta' minuti) ma jammontax ghal *"course of conduct"* ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.'"

"Illi f'din il-kawza din il-Qorti ghandha biss incident wiehed li l-appellant huwa akkuzat dwaru u ghaldaqstant hemm l-element tal-*course of conduct* nieqes u l-ewwel Qorti qatt ma setghet issibu hati ta' dan ir-reat.

[1] OUP, 2007
[2] Para. B11.82, pp. 650-651. Ara wkoll il-kummenti u osservazzjonijiet f'paragrafu B11.91, p. 653.

"Illi l-ewwel Qorti sabitu hati ghax strahet fuq provi ta' incidenti li saru qabel imma dawn ma jaqghux taht din il-kawza. Kif ukoll irid jinghad li ghalkemm il-parti leza ghamlet diversi rapporti qatt ma riedet li jittiehdu passi kontra l-appellant kif ukoll wara dawn l-incidenti l-parti leza xorta fittxet lill-appellant biex tkompli r-relazzjoni mieghu. La darba l-parti leza baqghet tfittex il-kumpanija tal-appellant u li jkollha relazzjoni mieghu din ixxejjen kompletament il-biza' li kienet ser tintuza vjolenza kontriha. Kif ukoll jekk wiehed jistudja l-messaggi li ntbaghtu mill-appellant lil parti leza dakinhar filghodu meta allegatament sehh dan l-incident ma hemm xejn x'juri li l-appellant kien ser juza xi vjolenza fuq il-parti leza jew il-parti leza kienet bezghana mill-appellant.

"Illi l-appellant instab hati u huwa akkuzat ukoll li wettaq offizi hfief fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin. Kif spjegat il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fil-parti tas-sentenza hawnhekk prodotta, ma jistax persuna tinstab hatja tal-Artikolu 251B u ta' offiza hafifa fl-istess waqt. Dan minhabba l-fatt kif ghallmet il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-sentenza hawn aktar 'il fuq imnizzla, li *'Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi'* Ghaldaqstant l-esponenti ma setax jinstab hati kemm tal-Artikolu 251B u tal-artikolu 221.

"Illi l-esponent instab hati li wettaq offiza hafifa fuq il-persuna ta' Charmaine Darmanin u l-ewwel Qorti tenniet, *'Li hu cert hu li saq u waqaf maghha b'risultat li kien hemm impatt hafif li zbilancja l-parti leza'* Skond il-bran tal-ewwel Qorti ma kien hemm l-ebda intenzjoni generika li l-imputat ried iwettaq xi offiz hafifa fuq il-persuna tal-parti leza imma l-parti leza accidentalment laqtet il-vettura tal-appellant u ghaldaqstant dan ir-reat ma hux pruvat.

"Illi minghajr pregudizzju f'dawn il-proceduri ma tressqitx il-kwerela mehtiega skond l-artikolu 221(4) kif indikata fl-Artikolu 536 u 537. Illi kif tenniet il-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-sentenza taghha *Il-Pulizija vs Paul Camilleri* deciza fit-12 ta' Frar 2009 fejn hemm il-htiega li l-kwerela trid tkun iffirmata mill-kwerelant skond kif jesigi l-artikolu 537 tal-Kap 9. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tenniet hekk fis-sentenza imsemmija:

"*'Illi fl-atti processwali ma hemm ebda kwerela formali bil-miktub iffirmata minn xi ufficjal awtorizzat tal-Enemalta Corporation jew xi avukat ghan-nom taghha. Pero` ma hemmx dubju li kwerela bil-fomm saret meta Mario Cassar ghamel denunzja verbali lill-Pulizija, liema denunzja tinsab inkorporata bid-dettalji kollha fl-okkorrenza imsemmija. Ma hemmx dubju li l-vot tal-ligi kif indikat fl-artikolu 536 ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tad-denunzja - w estizi ghall-kwerela bl-artikolu 539 - gie rispettat meta Cassar ghamel id-denunzja tieghu lill-Pulizija, ghaliex l-okkorrenza turi li gew imfissra car il-fatti bl-irqaqat u partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min hu l-awtur jew il-komplici fid-delitt. Tant li bhala "Suspect No:1" kien gie proprju indikat l-appellant odjern. Dana kollu gie traskritt fl-okkorrenza. Jirrizulta ukoll li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorrenza li saret minn PS 1102*

*Robert Everest. Li ma jirrizultax pero` hu li din il-kwerela giet b' xi mod jew f'xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.'*

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk din il-Qorti fil-gudizzju thoss li ghandha tghaddi ghall-piena dwar ir-reat ta' ferita hafifa ghandha tiehu konjizzjoni tal-fatt li l-offiza ma helliet l-ebda marka fuq il-gisem tal-parti leza u ghaldaqstant ghandha tapplika l-piena fil-parametri tal-artikolu 221(3)(b) fejn din l-offiza ghandha titqies ta' importanza zghira u ghandha tinghata piena ta' kontravenzjonijiet."

**7.** L-aggravji ta' l-appellant Avukat Ġenerali huma s-segwenti:

"Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsisti filli l-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza taghha hawn fuq riferita, ghamlet misinterpretazzjoni tal-ligi u tal-provi meta lliberat lill-imputat mir-raba' akkuza migjuba kontra tieghu.

"Illi preliminarjament l-appellant Avukat Generali jissottometti ghal kull buon fini li dan l-appell jittratta limitatament il-liberatorja mir-raba' akkuza migjuba kontra l-appellat.

"Illi l-artikolu 15E tal-Kapitolu 65 jinqara kif gej:

"***'15E.*** *(1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna-*

*(a) tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew*

*(b) tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1).*

*Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju:*

*Iżda l-uffiċjal tal-Pulizija jista' b'żieda mal-kampjuni tan-nifs jeħtieġ ukoll kampjun tad-demm jew żewġ kampjuni tal-urina.'*

"Illi b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti dwar il-liberatorja tar-raba' akkuza f'dan il-kaz (sewqan taht l-influwenza tax-xorb bi ksur tal-artikolu 15E), l-ewwel Qorti ppronunzjat ruhha fis-sens illi ma ngabitx prova li l-appellat gie soggettat ghat-test tan-nifs kif titlob din id-dispozizzjoni tal-ligi. Madanakollu mill-atti processwali jirrizulta l-oppost minn dak kollu kif jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Kylie Borg u mid-dokumenti annessi minnha fl-atti processwali. Jirrizulta fil-fatt li l-Ispettur Borg xehdet nhar l-4 ta' Gunju 2014 fejn spjegat ir-

rizultanzi tal-breathalyser test li skond ix-xhieda taghha ittiehed 4 sieghat wara l-incident u fejn kien immarka 49mg li ben jezorbita l-limitu preskritt fejn fil-fatt u a differenza ta' dak li stqarret il-Qorti fis-sentenza taghha, hi esebiet dawn ir-rizultati li fil-fatt gew immarkati bhala dok KB7. Dawn jinstabu ezebiti a folio 120 tal-atti processwali. Kwindi dak li skond l-ewwel Qorti kienet mankanti ghas-sejbien ta' htija ta' din ir-raba' akkuza effettivament tirrizulta mill-atti u kwindi l-appellat kellu anki jinstab hati ta' din l-akkuza.

"Illi jinghad ukoll ghall kull buon fini li lanqas ma ngabet l-ebda prova mill-appellat li b'xi mod jippruvaw il-kuntrarju tar-rizultanzi ta' 49mg jew li b'xi mod jiskreditaw dan ir-rizultat. Kwindi l-eccezzjoni applikabbli ghal dan ir-reat ma japplikax ghal dan il-kaz.

"Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju u konsegwentalment ghall-aggravju mqajjem, jekk din il-Qorti tilqa' l-aggravju tal-Avukat Generali hawn fuq indikat, l-piena ahharija li giet imposta fuq l-appellat trid tigi riveduta wkoll fis-sens illi minhabba l-ksur tal-artikolu 15E u skond id-dicitura tal-artikolu 15H(2) tal-kapitolu 65 rez applikabbli ghal din id-dispozizzjoni tal-ligi, il-Qorti apparti l-piena ghandha timponi wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien mhux anqas minn sitt xhur jew fil-kaz tat-tieni akkuza jew aktar ghal zmien mhux inqas minn sena. Jinghad ukoll li l-eccezzjoni ghal din ir-regola kif disposta fil-*proviso* ta' dan l-artikolu ma japplikax lanqas peress illi l-limitu preskritt f'dan il-kaz inqabez b'aktar minn 8mg."

**8.** B'referenza għall-appell ta' l-Avukat Ġenerali, din il-Qorti tosserva illi nonostante li l-Ispettur Kylie Borg esebiet bħala Dok. KB7 *"Breath Alcohol Test Record"*, dan id-dokument ma ġiex ikkonfermat minn min opera l-istrument li ntuża sabiex jittieħed tali *test*. Tali konferma hi meħtieġa, partikolarment in vista tal-fatt li r-regolamenti relattivi (A.L. 392/2010) jiddistingwu bejn strument u ieħor. Meta jintuża Lion Alcometer SD-400, ir-riżultati miksuba għandhom ikunu ta' natura indikattiva (reg. 4). Meta jintuża Lion Intoxilyzer 6000 - 220/240volts, għandhom jintalbu żewġ kampjuni tan-nifs għall-analiżi (reg. 6). Meta jintuża Lion Intoxilyzer 1-8000, għandu jintalab kampjun tan-nifs wieħed (reg. 7). Fil-każ in eżami la ġie kkonfermat id-Dok. KB7 u lanqas ma ġie kkonfermat liema strument intuża biex jittieħed il-kampjun tan-nifs ta' Andre` Cassar. Għalhekk l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax akkoljiment.

**9.** Għal dak li jirrigwarda l-appell ta' Andre` Cassar (minn hawn quddiem imsejjaħ "l-appellant Cassar"), kwantu għall-ħames imputazzjoni, l-ewwel Qorti sabet ħtija "fuq l-iskorta tax-xiehda tal-parti leża (fol. 37 *et seq.*) senjatament dwar l-inċident li seħħ il-fergħa tal-bank fejn kienet taħdem (ara fol. 38) u l-varji rapporti esebiti (fol. 130 *et seq.*)".

**10.** Issa, l-appellant Cassar ġie akkużat b'diversi reati li seħħew "fil-Furjana, nhar-is 17 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta tat-3.00 p.m.". Fost dawn ir-reati,

hemm dak kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta. Iżda ġie akkużat ukoll li proprju f’dak il-ħin għamel offiża ta’ natura ħafifa fuq Charmaine Darmanin. L-appellant Cassar korrettement jirreferi għal dak li ntqal minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Parnis** mogħtija fl-24 ta’ April 2009, u cioe`:

> “Dak li qed jigi deciz f’din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, *per di piu`*, ta’ minuti) ma jammontax ghal *“course of conduct”* ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista’ tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 251B(1) tal-Kap. 9.’”

**11.** Fil-każ in eżami l-appellant Cassar ma ġiex akkużat ta’ aġir f’ħinijiet u/jew ġranet oħra li kkaġunaw lil Charmaine Darmanin tibża’ li se tintuża vjolenza kontra tagħha. Għalhekk jekk fis-17 ta’ Diċembru 2013 għall-ħabta tat-3.00 p.m. l-appellant Cassar wettaq vjolenza effettiva fuq l-imsemmija Charmaine Darmanin, ma setax jinstab ħati wkoll tar-reat kontemplat fl-artikolu 251B(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**12.** L-appellant Cassar isostni li ma kellux jinstab ħati talli kkommetta offiża ħafifa fuq Charmaine Darmanin. Din il-Qorti wara li eżaminat il-provi kollha miġjuba, u b’mod partikolari dak li xehdu Naomi Attard u Neville Sammut dwar il-manjiera ta’ sewqan ta’ l-appellant Cassar, kif ukoll ikkunsidrat l-animu li bih mar biex ifittex lil Charmaine Darmanin, issib li l-ewwel Qorti setgħet raġjonevolment u legalment tikkonkludi li l-appellant Cassar kien ħati ta’ dak ir-reat.

**13.** L-appellant Cassar jgħid ukoll illi ma tressqitx kwerela ffirmata kif inhu meħtieġ skond il-liġi. Jidher li sfuġġiet lill-appellant Cassar id-dikjarazzjoni ffirmata li għamlet Charmaine Darmanin quddiem l-Ispettur Kylie Borg u li tinsab esebita a fol. 60 – 62 tal-proċess. Kwindi anke dan l-aggravju huwa respint.

**14.** Għal dak li jirrigwarda l-offiżi li ġarrbet Charmaine Darmanin, din il-Qorti tirreferi għaċ-ċertifikat mediku esebit a fol. 71 mnejn jirriżulta li hija ġarrbet *“trauma over chin, lips, teeth, nose and both knees”* u kellha *“tenderness”* f’dawn il-postijiet. Iċ-ċertifikat jiddeskrivi l-offiżi bħala *“slight”*. Dawn ġew kawżati meta l-appellant Cassar waqaf bil-karrozza proprju ma’ l-imsemmija Charmaine Darmanin. Barra minn hekk l-istess Darmanin xehdet: “kelli wiċċi mdamdam, inemnem kollu, għamilt l-isbaħ 4 siegħat ma nħossx snieni u ħalqi u mnieħri, u sal-għada u ġimgħa wara bqajt bl-uġiegħ fl-għadam, pero` ksur ma kellix.” F’dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni biex tapplika,

kif qiegħed jitlob l-appellant Cassar, l-artikolu 221(3)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**15.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta’ l-Avukat Ġenerali, iżda b’referenza għall-appell ta’ Andre` Cassar tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-istess Andre` Cassar ħati tal-ħames imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati ta’ dik l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tiddikjara t-tielet imputazzjoni assorbita fl-ewwel imputazzjoni, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannatu komplessivament multa ta’ €6,000 u minflok tikkundannah għall-ħlas ta’ multa ta’ elf euro (€1,000). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, b’dan li l-perijodu ta’ l-Ordni ta’ Protezzjoni jibda jiddekorri millum.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------